MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 47/2000/2

**Joseph Anthony Gasan, Paola mart Tonio Ganado, Barunessa Silvia mart il-Baruni Igino Trapani Galea Feriol, Veronica mart Michael Soler u Helena mart Marcell Ellul u b'digriet tat-28 ta' Settembru 2004 stante l-mewt ta' Helena Ellul fil-mori tal-kawza il-gudizzju gie trasfuz f'isem Andrew Ganado, Lisa Bradshaw, Christian Ganado, Bettina Azzopardi, Michael Trapani Galea, Greta Trapani Galea, Paul Trapani Galea, Nicholas Trapani Galea, Sarah Gasan, David Gasan, Mark Gasan, Louisa Borg, John Soler u Stephanie Soler**

**V**

**HIX Limited**

**Il-Qorti,**

Dan huwa provvediment dwar incident li nqala fil-mori tal-proceduri dwar talba ghar-ritrattazzjoni ntavolata mis-socjeta` HIX Limited fl-10 ta’ Gunju 2004, wara sentenza ta’ din il-Qorti, kif dakinhar komposta, moghtija fl-10 ta’ Marzu, 2004.

Fl-udjenza tat-12 ta’ Jannar 2005, Dr. Edward Debono ghas-socjeta` ritrattata ssottometta “*li l-unika ritrattazzjoni possibbli taht il-Kap 69 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa dak kif stipulat fl-Artikolu 43 ta’ l-istess Ligi u ghalhekk ma hemm ebda ritrattazzjoni stipulata mil-Ligi. Ghaldaqstant ir-rikors a bazi tal-Kodici ta’ Procedura tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ma japplikax ghax “**lex specjalis derogat lex generalis**.*” F’dik l-okkazzjoni d-difensur tar-ritrattati talab li jinghata l-fakolta` li jipprezenta, kif effettivament ghamel, Nota ta’ Riferenzi, filwaqt li Dr. Norval Desira ghar-ritrattand irrizerva l-posizzjoni tieghu dwar il-possibilita` ta’ risposta f’dan l-istadju.

Il-kawza giet differita ghas-seduta tat-2 ta’ Marzu, 2005 u dakinhar, wara li xehdu Gaetano Dimech u l-Marixxal Emanuel Stivala (mharrkin mir-ritrattati) in konnessjoni mal-kwestjoni tan-notifika ta’ l-atti, Dr. Norval Desira ghar-ritrattand talab li in vista tan-nuqqas ta’ risposta tas-socjeta` ritrattata ghar-rikors promotur, li r-risposta ta’ l-istess socjeta` maghmulha fl-udjenza tat-12 ta’ Jannar, 2005 kif ukoll in-Nota ta’ Riferenzi ta’ l-istess socjeta` jigu sfilzati u dana billi proceduri ta’ ritrattazzjoni, anke fl-appell, hemm il-kontumacja meta r-risposta ma tigix prezentata sa l-ewwel appuntament tas-smigh.

Fl-istess udjenza Dr. Edward Debono ddikjara “*li minkejja x-xiehda tal-Marixxal Stivala l-persuna wahda li innotifika b’att wiehed huwa Gaetano Dimech waqt li persuna ohra li suppost innotifika b’att iehor hija Gaetano Grech. Illi Gaetano Dimech ircieva att wiehed m’ghand il-Marixxall u mhux tnejn fit-30 ta’ Gunju, 2004.*” Il-kawza ghalhekk giet differita ghall-provvediment dwar l-eccepita kontumacja tas-socjeta` ritrattata.

**Ikkunsidrat:**

Hija s-sottomissjoni tas-socjeta` ritrattanda li din il-Qorti ghandha tordna l-isfilz tar-risposta tar-ritrattati kif verbalizzata fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2005 kif ukoll l-isfilz tan-nota ta' riferenzi minnhom prezentata fil-21 ta' Jannar, 2005. Din it-talba hija msejjsa fuq il-premessa li r-ritrattati naqsu li jipprezentaw ir-risposta oppositorja taghhom  a tenur ta' l-Artikolu 146(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement dawn illum jinsabu kontumaci. Apparti dan l-aspett tal-kwistjoni hemm ukoll il-possibilita` tan-nuqqas ta' notifika tar-ritratti kif gie sollevat mill-istess ritratti fl-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2005, naturalment jekk tonqos in-notifika wiehed ma jistax jitkellem dwar kontumacja.

Apparti l-kwistjoni tan-nuqqas ta' notifika, liema eccezzjoni qed tigi kontestata mis-socjeta` ritrattandi a bazi tar-riferti u xhieda prodotti f'din l-istanza, is-socjeta` ritrattanda qeghda tghid li gialadarba din il-procedura ta' ritrattazzjoni timplika mhux biss ir-rexissjoni tas-sentenza li taghha qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni izda twassal ukoll ghas-smigh mill-gdid ta' dik il-kawza, allura ghandhom japplikaw ir-regoli generali li jirregolaw il-procediment ordinarju f'affarijiet kontenzjuzi u li senjatament il-parti ritrattata ghandha tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet u fin-nuqqas tigi kunsidrata bhala kontumaci.

Is-socjeta` ritrattanda mbaghad taghmel riferenza ghall-Artikolu 146(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem dwar "l-gheluq ta' l-iskritturi fl-appell" u tissottometti li, in vista ta' dak li hemm provdut f'dan l-artikolu r-ritrattati "*kellhom jipprezentaw ir-risposta taghhom jew fi zmien sa l-ewwwel appuntament tas-smigh tal-kawza jew inkella seduta stante, f'liema mument ghandhom jitqiesu maghluqa il-proceduri bil-miktub quddiem il-qorti fi grad ta' appell.*"

Ezaminati l-provveidmenti legali din il-Qorti hija tal-fehma li l-eccepita kontumacja ma ghandha ebda fondament. Fl-ewwel lok il-kwistjoni tal-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet ma ghandhiex relevanza billi hawn si tratta dwar talba ghar-ritrattazzjoni ta' sentenza moghtija fi stadju ta' l-appell a tenur ta' l-Artikolu 811 tal-Kap. 12.

Inoltre r-ritrattati kienu atturi ossia rikorrenti fil-proceduri quddiem il-Bord li Jiregola l-Kera. Ghalhekk jekk, kemm-il darba t-talba biex tigi revokata dik is-sentenza tal-Qorti ta' l-Apell tigi milqugha, kull ma jigri hu li jerga' jigi ritrattat l-appell fuq l-bazi tas-subinciz (l) ta' l-Artkolu 811, fuq l-atti formanti parti dak l-appell u xejn aktar. Isegwi li ma hemmx in-necessita` u lanqas il-possibilita` li f'dawk il-proceduri – kemm-il darba tintlaqa' t-talba ghar-rexissjoni tas-sentenza – li tigi prezentata xi nota ta' l-eccezzjonijiet gdida mir-ritrattati, specjalment ukoll minhabba l-fatt li l-istess ritratti huma atturi u mhux konvenuti.

Illi din il-Qorti wkoll ma taqbilx ma dak li gie sottomess fir-rigward tal-Artikolu 146 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Infatti huwa generalment accettat li fi stadju ta' l-appell ma tezistix kontumacja kif insibuha fil-proceduri quddiem il-Qorti ta' l-ewwel istanza. Dan jidher ukoll car minn dak li nsibu fis-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu citat mis-socjeta` ritrattanda fejn jinghad espressament li "*In-nuqqas ta' xi parti milli tipprezenta twegiba jew risposta fit-termini stabbiliti ma ghandhiex twaqqaf lil dik il-parti milli tidher quddiem, jew taghmel sottomissjonijiet lil qorti matul is-smigh ta' l-appell.*" In effetti dak li gie verbalizzat mir-ritrattati fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2005 jammonta ghal semplici sottomissjoni ta' punt ta' ligi u xejn aktar. Sottomissjoni li, a tenur tas-subartikolu citat, hija ammissibbli.

Finalment din il-Qorti tosserva li mkien fl-parti tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jitratta l-istitut ta' Ritrattazzjoni ma nsibu xi accenn ghall-kontumacja tar-ritrattat fin-nuqqas ta' prezentata tar-risposta bil-miktub. Ubi lex voluit dixit.

Fic-cirkostanzi, u anke billi bid-dehra tar-ritrattati fl-ewwel udjenza kull nuqqas fin-notifika taghhom b'dawn il-proceduri gie sanat, din il-Qorti mhux ser tikkunsidra din il-kwestjoni ulterjorment.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tichad it-talba tas-socjeta` ritrattanda maghmula fl-udjenza tat-2 ta' Marzu, 2005. L-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------